# Dun Karm

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871. Ommu kienet mara tad-dar u missieru kien baħri. Dun Karm ftit kien jarah lil missieru.

L-ewwel skola li mar fiha Dun Karm kienet l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' Ħaż-Żebbuġ. Għalih dan kien l-isbaħ żmien! Huwa kien student bravu u baqa' jistudja sakemm ordna qassis. Huwa kien jgħallem ukoll u l-istudenti tiegħu jiftakruh raġel dħuli u fuq tiegħu u f'ħin il-mistrieħ kien iħobb jintefa' jdoqqilhom il-mandolina.

F'żgħożitu Dun Karm kien iħobb jikteb il-poeżiji. Ma kienx jikteb bil-Malti, imma bit-Taljan, kif kienet id-drawwa fost ħafna Maltin dak iż-żmien. Imma għodwa waħda, waqt li kien miexi l-Belt, iltaqa' ma' żewġ kittieba, il-Monsinjur Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi. Qalulu li kellhom jibdew joħorġu gazzetta bil-Malti, li kien jisimha *Il-Ħabib,* u stidnuh jiktbilhom xi poeżija sabiħa bil-Malti għall-ewwel ħarġa.



Dun Karm ma qalilhomx le, avolja kien għadu qatt ma kiteb xejn bil-Malti. Għall-ewwel ħabat se jaqta' qalbu għax ma beda jiġih xejn f'moħħu u ma kienx jaf kif jista' jikteb poeżija sabiħa bil-Malti. Imma mbagħad niżel għarkopptejh quddiem inkwatru tal-Madonna li kellu f'kamartu, u talabha tgħinu. Dik il-lejla stess, fl-1912, Dun Karm ta' 41 sena, kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti u semmieha: *Quddiem Xbieha tal-Madonna*.

Dun Karm stagħġeb kemm tista' tikteb sabiħ bil-Malti, u minn dakinhar baqa' jikteb il-poeżiji bil-Malti biss. Kiteb poeżiji fuq ommu, tfulitu, l-ambjent ta' madwarna, u l-annimali. Kiteb ukoll il-ġmiel ta' poeżiji reliġjużi u wħud minn dawn għadhom jitkantaw fil-knejjes tagħna bħall-*Innu ta' Filgħaxija, Nadurawk ja Ħobż tas-Sema,* u *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*. Dun Karm kiteb ħafna poeżiji sbieħ fuq pajjiżna u ġrajjiet missirjietna. Imma fost l-akatar magħrufa jibqa' l-kliem tal-Innu Malti, li kitbu meta kellu ftit aktar minn sittin sena.

Dun Karm għex ħajja kwieta, jaħdem u jikteb il-poeżiji, sakemm miet fit-13 ta' Ottubru 1961, meta kellu kważi disgħin sena.